MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Numru. 466/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Louise Calleja)**

**vs.**

**Stephen Mifsud u**

**Pauline Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Stephen Mifsud detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 425172M;

U

Pauline Pisani detentrici ta' karta ta' l-identita' bin-numru 558785M.

**Akkuzati talli:**

1. Fit-8 ta' Settembru, 2007 u fil-granet ta' qabel, bil-hsieb li jezorcitaw flus jew xi haga ohra, jew li jghamlu xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghlu lil persuna ohra u cioe' lil AB, jesegwixxi, jiddistruggi, jqalleb jew jbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jghamel jew jonqos milli jghamel xi haga, heddew li jghamlu denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghtu malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u permezz ta' dan it-theddid waslu fil-hsieb taghhom billi gwadanjaw elf u mitejn liri Maltin (Lm1200) li jammontaw ghal elfejn, seba' mija u hamsa u disghin euro (€2795);

**Lil Pauline Pisani wahedha akkuzata talli:**

2. Fit-8 ta' Settembru, 2007 u fil-granet ta' qabel, gewwa l-Marsa u f'dawn il-Gzejjer, f'post pubbliku jew post f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
3. Irrendiet ruhha recidiva b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

**Lil Stephen Mifsud wahdu akkuzat talli:**

4. Fit-8 ta' Settembru, 2007 u fil-granet ta' qabel, xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra.
5. Irrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrti (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kwerelanti u parti civile AB u tal-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputati ghalkemm kienu inghataw il-fakolta minn din il-Qorti li jaghmlu nota ta’ sottomissjonijiet risponsiva, huma naqsu li jaghmlu dan.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fit-30 t’Awwissu 2007, il-kwerelant, AB, ried servizzi sesswali u mar ifittixhom f’post li hu notorju ghal daqshekk, il-Marsa. Sab lil wahda li qaltlu li jisimha Roberta u qaltlu li l-hlas taghha kien ta’ Lm20.00. Il-kwerelant talabha ittih sess orali biss, izda hi insistiet fuq l-att sesswali normali, u pprovdiet ukoll condom, u l-kwerelant accetta.
2. Il-kwerelant u Roberta marru bil-karozza tal-kwerelant f’post imwarrab, il-Marsa u kellhom kuntatt sesswali fil-karozza tal-kwerelant. Ftit wara li sar dan il-kuntatt sesswali, Roberta allegat li l-kontracettiv kien infaqa’ u fil-fatt meta nefhet go fih bdiet hierga l-arja. Hi qalet lill-kwerelant li kien ghad kellha sbatax (17)-il sena, u biex taghmel abort kien se jkollha thallas Lm500. Qaltlu biex jistenniha fil-karozza biex tmur ghar-“ragel” taghha li nzerta kien fil-qrib.
3. Fi ftit hin, Roberta irritornat mar-“ragel” taghha, li kellu gebla imdaqqsa f’idejh. Dan ir-ragel introduca ruhu bhala Jason. Il-kwerelant beza’ u staqsihom x’kienu qed jirppretendu, u Roberta talbitu l-flus.
4. Il-kwerelant kellu fuqu Lm186.35c li tahomlha, imma huma riedu izjed, u Jason mar mal-kwerelant bil-karozza fejn ATM sabiex jigbed il-flus. Roberta dahlet go karozza ohra ma’ terza persuna, li baqghet injota, li saqet warajhom, u ipparkjat orizzontalment wara l-vettura tal-kwerelant biex dan ma jkunx jista’ johrog. Il-kwerenet gibed Lm100 mill-ATM u tahom lil Jason.

5. Fis-7 ta' Settembru 2007, Roberta stenniet lill-kwerelant hiereg mill-fabbrika fejn kien jahdem, u qaltlu li trid tabortixxi u taha Lm112.35. Roberta hedditu li ccempel lir-ragel taghha. Il-kwerelant beza', hada mieghu d-dar tieghu u ta Lm250 ohra. Bl-istess biza' taha n-numru tal-mobile tieghu.
6. Dak in-nhar stess fil-ghaxija, Roberta cemplitlu fuq il-mobile, u talbitu Lm250 ohra. Il-kwerelant jiftakar li f'xi okkazzjoni minnhom, lehen ta' ragel fuq il-mobile qallu biex ma jaghmilx kummiedji ghax kienu jaharqulu l-karozza u d-dar. Il-kwerelant beza' u fil-ghaxija rega' iltaqa' ma' Roberta, Jason u terza persuna, introdott bhala missier Roberta, u tahom l-Lm250 l-ohra.
7. Meta rritorna d-dar, l-imputat fetah qalbu mal-gellenituri tieghu u qalilhom x'kien gralu.
8. L-ghada, it-8 ta' Settembru 2014, regghet cemplitlu Roberta u qaltlu li kellha infezzjoni fil-buzzieqa tal-urina, u talbitu Lm150. Kellimha missier il-kwerelant wkoll, u qalilha li se jtihomlha basta din tkun l-ahhar darba. Il-kwerelant u missieru iltaqghu ma' Roberta u Jason, u missieru taha l-flus. Dak in-nhar, il-kwerelant innota li fuq spallejja Roberta kellha xi tattoos.
9. Wara dak in-nhar Roberta u Jason ma talbux flus izjed lill-kwerelant. B'kollox il-kwerelant lahaq tahom is-somma ta' Lm1,068.60[1], u ma rcieva l-ebda ammont lura.
10. Il-kwerelant ghamel rapport lill-Pulizija u tahom id-dettalji fizici ta' Roberta u Jason.
11. L-Ufficcjal Investigatur l-Ispettur Louise Calleja ghamlet chart bi hdax-il ritratt ta' persuni nisa' fih, fosthom l-imputata Pauline Pisani, u ghamlet chart ohra bi tnax-il ritratt go fih b'persuni irgiel fosthom dak tal-imputat Stephen Mifsud. Il-kwerelant meta muri c-chart bil-persuni nisa gharaf lill-imputata Pauline Pisani bhala "Roberta" u meta muri c-chart bil-persuni irgiel gharaf lill-imputat Stephen Mifsud bhala "Jason."
12. Meta giet interrogata mill-Ispettur, l-imputata Pauline Pisani ghazlet li ma twiegeb ghall-ebda domanda.
13. Min-naha l-ohra, meta gie interrogat mill-Ispettur, l-imputat Stephen Mifsud irrisponda ghal certi domandi, kien hemm hafna mistoqsijiet li ghazel li ma jwiegibx, u innega l-involviment tieghu dwar ir-rapport li sar mill-kwerelant.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*<u>L-Ewwel Imputazzjoni – Ir-rikatt</u>*

[1] Ara fol. 74 tal-process.

Il-kwerelant xehed kemm-il darba quddiem din il-Qorti dwar il-mod kif gie rikattat, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-verzjoni tal-fatti minnhu moghtija ghandha mis-sewwa, u x-xhieda tieghu hija korroborata b'dik ta' ommu u missieru.

Pero l-punt krucjali f'din il-kawza, u li jrid jigi determinat minn din il-Qorti, huwa jekk dan ir-rikatt sehhx mill-imputati odjerni jew minn terzi persuni.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, il-kwerelant rega' gie muri c-charts li l-Ispettur kienet urietu fl-ufficcju tal-Vice Squad. Meta gie muri r-ritratti tal-persuni nisa, huwa identifika mal-ewwel dik li ghalih kienet "Roberta" u meta gie muri r-ritratti tal-persuni irgiel identifika mill-ewwel ir-ragel li ghalih kien "Jason".[2] Dawn fil-fatt huma l-imputati odjerni Pauline Pisani u Stephen Mifsud.

Pero meta mistoqsi jekk din Roberta hix prezenti fl-Awla, il-kwerelant wiegeb fin-negattiv.[3] Imbaghad meta gie mistoqsi ghat-tieni darba, jekk Roberta hix prezenti fl-Awla, il-kwerelant wiegeb hekk: *"Is-sinjur huwa Jason, is-sinjura tixbah hafna lil Roberta imma dak iz-zmien kienet irqiqa, hafna hafna irqieqa. Li nista' nghid li kellha it-tattoos fuq sidirha u fuq spallejha, ma kienux tattoos ta' stampi, kienu xi simboli imma minn dak in-nhar kienet differenti hafna s-sinjura."*[4]

Meta l-kwerelant gie mistoqsi in kontro-ezami ghaliex fil-bidu qal li ma gharafiex lill-imputata bhala Roberta u iktar tard qal li kien qed jaghrafha, huwa spjega hekk: *"Jiena l-ewwel dhalt f'din il-kamra u qaluli ibqa' diehel dritt hawnhekk, tahrisx lura, just rajthom minn taht il-ghajn, ma nafx min staqsini "tikkonferma li dawn huma iz-zewg persuni involuti?". Jiena harist wahda hekk u lil Jason gharaftu u lilha ma gharaftiex, kienet differenti hafna. Issa mbaghad meta harist lejha vicin ghidt "iva din hi" imma jiena mhux ser nghid dak il-hin at first glance hija hi, qieghed taht gurament, u jekk ma tkunx hi qed nixhed falz u naf li jiena suggett ghar-reat, ghax qed nixhed falz minghajr certezza."*[5]

Meta rega' ttella' jixhed in kontro-ezami, il-kwerelant rega' irrepeta l-istess haga *"Issa lil Pauline m'gharafthiex mill-ewwel ghax dak iz-zmien kienet hafna hafna irqaq. Hafna irqaq. Bil-kemm tingharaf. Bil-kemm tingharaf. Fil-fatt tgharafha biss minn hawn hekk 'l fuq.*

*Qorti: Hawnhekk fejn?*

---

[2] Ara xhieda tal-kwerelant a fol. 49 tal-process.
[3] Ara xhieda tal-kwerelant a fol. 60 tal-process.
[4] Ara xhieda tal-kwerelant a fol. 61 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-kwerelant a fol. 57 tal-process.

*Xhud: Minn ghajnejha. Tqawwiet hafna. Minix ser ninsa wicc li ghamilli li ghamilli.'*[6]

Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-ahhar darba li l-kwerelant ra lil "Roberta" kien fit-8 ta' Settembru 2007. Huwa xehed l-ewwel darba fis-27 ta' Jannar 2010, u sa dak in-nhar "Roberta" – l-imputata Pauline Pisani - kienet tbiddlet ghax kienet hxienet. Il-kwerelant ma kellu l-ebda problema biex jidentifika lil "Roberta" fir-ritratti ghax kienet ghada rqiqa.[7] Il-kwerelant gharaf bla diffikulta lil "Jason" – l-imputat Stephen Mifsud - fl-Awla, ghaliex ma kienx hemm tibdil fiziku fih fiz-zmien li kien ghadda minn meta gara l-incident u mir-ritratt.

Ghalhekk, fl-opinjoni tal-Qorti il-kwerelant irnexxielu jidentifika sal-grad rikjest fil-kamp penali lill-imputati bhala l-persuni li irrikattawh, u l-ewwel imputazzjoni giet ippruvata. Pero il-gwadann tal-imputati kien ftit inqas minn dak indikat fic-citazzjoni. Fil-fatt, kif diga inghad il-gwadann taghhom kien ta' Lm1,068.60.[8]

*It-Tieni u t-Tielet Imputazzjoni fil-konfront ta' Pauline Pisani*

It-tieni imputazzjoni ta' tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni hija ippruvata mix-xhieda tal-kwerelant.

It-tielet imputazzjoni u cioe dik tar-recidiva hija ippruvata bis-sentenza ezebita fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Silvio Buttigieg et**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Mejju 2005.[9]

*Ir-Raba' u l-Hames Imputazzjoni fil-konfront ta' Stephen Mifsud wahdu*

Ir-raba' imputazzjoni, cioe dik li l-imputat xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra, tirrizulta mix-xhieda tal-kwerelent u mill-mod ta' kif jirrizulta li l-imputat kien igib ruhu mal-imputata.

Il-hames imputazzjoni tirrizulta ippruvata mis-sentenza ezebita **Il-Pulizija v. Stephen Mifsud**, deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta, fid-19 t'Ottubru 2005.[10]

---

[6] Ara xhieda tal-kwerelant a fol. 112 tal-process.
[7] Ara Dok LC3 a fol. 57 tal-process.
[8] Ara Dok NG ezebit a fol. 74 tal-process.
[9] Ara Dok LC2 a fol. 88 tal-process.
[10] Ara Dok LC a fol. 86 tal-process.

Inoltre, jirrizulta wkoll li l-imputat ikkommetta dawn ir-reati waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni tal-Probation imposta fuqu fis-sentenza imsemmija.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Iz-zewg imputati ghandhom fedina penali raffrettarja. Il-fedina penali ta' Stephen Mifsud fiha 24 kundanna minn dawn il-Qrati, principalment dwar serq, pussess u traffikar ta' droga, ksur tal-ligijiet dwar is-sewqan ta' vetturi u zewg kazijiet ta' rikatt. Il-fedina penali ta' Pauline Pisani fiha erbgha u tletin (34) kundanna minn dawn il-Qrati, principalment dwar tlajjar ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, pussess ta' droga, serq u zewg kazijiet ta' rikatt.

Iz-zewg imputati inghataw diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriformaw ruhhom u jitbieghdu mit-triq tal-kriminalita li qabdu, pero l-imputati s'issa m'urew l-ebda rieda li jaghmlu dan, u ghaldaqstant huma ta' theddida ghas-socjeta'.

L-imputati huma recidivi, u ghalhekk il-piena taghhom ghandha tizdied bi grad.

Inoltre, din il-Qorti trid tittratta wkoll mal-imputat Stephen Mifsud talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' Probation moghtija lilu minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Ottubru 2005. F'dawk il-proceduri, l-imputat kien instab hati ta' pussess semplici tad-droga heroina. F'dawk il-proceduri l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, u l-Qorti se tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-piena relattiva. Pero' l-Qorti se tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fedina penali raffrettarja tal-imputat.

**Konkluzjoni**

*Fil-konfront ta' Stephen Mifsud*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 250, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 7(1) u (3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni – pero kif diga inghad il-gwadann taghhom kien ta' elfejn erba' mija u disa' u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€2489.17) - ekwivalenti ghal elf u tmienja u sittin Lira Maltija u sittin

centezmu (Lm1,068.60) – tar-raba’ u tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontrih, u tikkundannah ghal perjodu ta’ tlett (3) snin prigunerija effettiva.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-hames (5) imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta’ probation tad-19 t’Ottubru 2005 maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjoni li dwarha hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, tirrevoka l-ordni ta’ probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-regolament 9 tal-Government Notice 292/1939 u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imsemmi Stephen Mifsud ghal multa ta’ seba’ mija u hamsin Euro (€750.00)

*Fil-konfront ta’ Pauline Pisani*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 250, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni – pero kif diga inghad il-gwadann taghhom kien ta’ elfejn erba’ mija u disa’ u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€2489.17) - ekwivalenti ghal elf u tmienja u sittin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm1,068.60) – tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontriha, u tikkundannaha ghal perjodu ta’ tlett (3) snin prigunerija effettiva.

*Fil-konfront taz-zewg imputati Stephen Mifsud u Pauline Pisani*

In oltre, ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna liz-zewg imputati Stephen Mifsud u Pauline Pisani, *in solidum* bejniethom, ihallsu lill-kwerelant AB is-somma ta’ elfejn erba’ mija u disa’ u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€2489.17) - ekwivalenti ghal elf u tmienja u sittin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm1,068.60) – rapprezentanti l-gwadann illecitu li huma ghamlu ghad-dannu tal-istess AB.

Ghal finijiet ta’ protezzjoni tal-identita tal-vittma, il-Qorti qed tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni bi kwalunkwe mezz ta’ isem il-vittma.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------